Minuti Laqgħa Numru 28 tal-Kunsill Lokali Qala

It-Tlieta, 4 ta' Marzu 2021.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Lorne Cremona - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

## 28.2 Twegiba lill-Board ta' Governanza

Għal din is-Seduta tal-Kunsill ġie mistieden l-Avukat tal-Kunsill Dr Mario Scerri.

Is-Sindku iddikjara li peress li seta' jqum kunflitt ta' interess, huwa kien se joħroġ mill-laqgħa. Minn hawn il-laqgħa ġiet ppreseduta mill-Viċi Sindku Ivan Cefai.

L-Avv. Mario Scerri qara it-tweġiba li is-Sindku Paul Buttiġieġ ppreżenta fis-seduta tal-Board li saret fl-aħħar ġimgħa ta' Frar.

Il-Viċi Sindku Ivan Cefai talab li jibda hu. Il-membri l-oħra qablu ma dan. Qal li hu ma setax jattendi ghall-board ta' Governanza peress li kien kwarantina, imma segwa *online*. Billi kellu konnessjoni tal-*internet* batuta, l-għada tas-seduta cempel lill-avukat biex jitlob li jiġi jaġġornat fuq is-sitwazjoni, fejn gie infurmat li s-Sindku pprezenta risposta. Staqsa jekk is-Sindku kellux dritt jippreżenta risposta.

Dr Scerri qal li għalkemm it-tweġiba intbagħtet wara li skada it-terminu, hu ma kienx se jħalli persuni jagħtu x-xhieda tagħhom qabel ma jkun studja ir-risposta. Għalhekk it-Tribunal ta' ċans lill-Kunsill Lokali janalizza ir-risposta, u jagħti it-tweġiba tiegħu. Issa jkun imiss seduta

bejn l-avukati biss jattendu biex fejn fiha jestradaw ir-risposti; imbgħad wara ssir seduta ohra fejn jinstemgħu ix-xhieda.

Il-Kunsillier Joseph Buttigieg staqsa setax is-Sindku jaghmel xi ħaġa bhal din. Dr Scerri wieġeb li kien jistenna li l-Board jinforma lil Kunsill Lokali b'din ir-risposta.

Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ippreżenta żewg *press cuttings*, li ġew segwiti minn talba tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali lis-Segretarja Ezekuttiva għal aktar dettalji. Il-Viċi Sindku ippreżenta wkoll rapport datat 21 ta' Ottubru 2020, liema rapport qrah fil-laqgħa. Annessi mal-ittra kien hemm żewġ rapporti ta' pagamenti maħruġa lil A&M Printing u lis-Sa. Patricia Buttigieg rispettivament. Il-Viċi Sindku jgħid li r-raġel ta' Maryanne Mercieca (oħt is-sindku) jigi kuġin tiegħu. Ma setax jiddikjara kunflitt ta' interess għax qatt ma ġie diskuss xogħol li kien se jingħata lill A&M Printing. Kien jaf li se jsir il-printing ta' *Business Cards*, imma ma kienx jaf lil min ser jingħata ix-xogħol. Xi tliet xhur wara li ġew eletti, is-Sindku semma l-ħruġ ta' fuljett għal żmien il-Milied, u talabom jippreparaw artiklu. F'Novembru tal-istess sena is-Sindku tahom *email address* fejn jibgħatu l-artiklu permezz ta' email, u sa dak iż-żmien kienu għadom ma jafux min se jistampa ix-xogħol. Wara li ħareg il-leaflet, l-*invoice* tal-kumpannija A&M Printing damet ma waslet. Il-Viċi Sindku qal li s-Segretarja Eżekutiva irċieviet invoice ta' dan ix-xogħol wara li ħarġu l-allegazzjonijiet. F'Ottubru tal-2020 fil-laqgħa tal-Kunsill ġiet ippreżentata *Schedule of Payments*. Il-Viċi Sindku qal li is-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva ma qablux fuq dawn il-kontijiet, għaliex skond is-Sindku kien hemm xi kontijiet li ma ġewx imdaħħla fis-*Schedule of Payments*. Wara li rriżulta li l-invoice mhux inkluża kienet tappartjeni għal tal- A&M Printing, is-Sindku talbu (lill-Viċi Sindku) biex joħroġ miegħu il-barra mill-laqgħa sakemm jittiehed vot fuq dan il-pagament. Hawn il-Viċi Sindku jaqra parti mill-minuti ta' dak inhar. Il-vot li ttieħed irriżulta fi tliet (3) astensjonijiet.

Il-Kunsillier Joseph Buttigieg qal li għalkemm ix-xogħol fuq il-fuljet sar, ma jaħsibx li l-proċess mexa skont il-proċeduri u għalhekk kien għażel li jastjeni dak inhar.

Il-Viċi Sindku ippreżenta memorandum tal-Kumpannija, fejn fl-2004 is-Sur Anton Mercieca irreżnja minn Direttur tal-Kumpannija. Ibnu Tonio Mercieca qiegħed Direttur, waqt li martu Maryanne Mercieca (oħt is-Sindku) hi *Shareholder*. Il-Viċi Sindku saħaq fuq ksur tal-liġi, u ikkwota artiklu 19 minn Kapitlu 363 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Kunsilli Lokali) li jitkellem dwar "Interess Pekunjarju".

Dr Mario Scerri intervjena biex jispjega li l-frażi ewlenija f'artiku 19 hi "interess pekunjarju". Ifisser li biex tkun applikabbli, (min ikun) irid ikun jiggwadanja xi ħaġa ġo butu, li skond hu hi ħaġa diffiċli ferm biex tiġi ppruvata. Il-qligħ tal-kumpannija jmur għand is-*shareholder*. Is-Sindku jiġi ħu shareholder tal-kumpannija. Il-prudenza, u mhux il-liġi, titlob biex wieħed tkun trasparenti, jgħid li ladarba (is-sid tal-kumpannija) tiġi minnu, għandu joħroġ il-barra mill-laqgħa.

Il-Kunsillier Karl Buttigieg stqarr li ma jiftakarx li qatt resqu, jew ġew diskussi f'laqgħat tal-Kunsill affarijiet immaterjali bħal ma huma, per eżempju, xiri ta' kotba tal-irċevuti jew stapelers. Dawn probabilment kienu jiġu ordnati mis-Segretarja Eżekuttiva jew l-iskrivana.

Dr Mario Scerri qal li waqt li ma sarx sew għal fini ta' trasparenza, xorta waħda il-prova ta' interess pekunjarku trid tiġi prodotta mill-akkuza. Dr Scerri ikkummenta li fin-nuqqas ta' provi fuq dan, jaħseb li Kunsill Lokali għandu affarijiet oħra fuq xiex jinvesti ħinu. Imma din trid isservi ta' lezzjoni għal quddiem biex kull meta jkun hemm xi ħadd li jħoss li għandu kunflitt ta' interess, imqarr jekk ikun "percieved", jiddikjaraħ u ma jieħux sehem fid-diskussjoni biex ikun aġġudikat jew imħallas.

Il-Kunsillier Karl Buttigieg innota li kienu avżati f'laqgħa dwar il-leaflets tal-Montenegro li kellhom jiġu stampati. Karl Buttiġieg semma li kotba ta' l-irċevuti kienu jqumu bejn wieħed u ieħor €300 iżda qatt ma telgħu għal approvazzjoni fil-laqgħa, sakemm jista' jiftakar hu, la mis-Sindku preżenti u lanqas minn min kien hemm qablu. Dawn kienu jiġu ordnati direttament mis-Segretarja. Semma wkoll li l-Kunsill Lokali ilu juża is-servizzi tal-A&M Printing għal għexieren ta' snin. Karl Buttigieg żied li *Schedule of Payments* dejjem jiġu approvati f'laqgħa tal-Kunsill. Jiġifieri anke jekk xi ħadd ikollu kunflitt ta' nteress, eventwalment kull Kunsillier kien qabel ma dawn il-pagamenti għaliex iffirmaw għalihom. L-istess ħaġa tapplika għad-disinn tal-poster mis-Sa. Patricia Buttigieg għal *Qala International Folk Festival* (QIFF), kulħadd kien qabel fuq dan (qed jirreferi hekk kif imnizzża fl-iskeda tal-pagamenti) u li kieku xi ħadd kellu xi dubju, wieħed seta' dejjem jitlob lis-Sidnku joħroġ 'il barra – ħaġa li ma seħħitx. Karl Buttigieg kompla li fir-rigward tar-rifużjoniiet li nħargu lis-Sa. Patricia Buttigieg, dawn iseħħu għaliex il-Kunsill ma għandux faċilità ta' *VISA Card*, u għalhekk meta tinxtara xi ħaġa għall-Kunsill Lokali, bħal per eżempju reklamar fuq *Facebook* b'rabta mal-QIFF, il-Kunsill imbgħad joħroġ *refund*. Karl Buttigieg semma wkoll li hi parti mir-resonsabilità tas-Segretarju Eżekuttiv li jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill biex jiġu evitati irregolaritajiet.

Dr Scerri tenna li m'hijiex faċli li tipprova interess pekunjarju, u għalhekk fin-nuqqas ta' provi oħrajn hu kien ser jipprepara abbozz tar-risposta fuq din il-linja, u jgħaddija lill-Kunsill. Talab lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv biex ifittex (1) il-minuti fejn Paul Butigieg ġie mitlub jaħdem il-bieb; (2) schedule(s) of payments fejn gew imħallsa Patricia Buttigieg u Maryanne Mercieca; u (3) l-ittra tal-akkuza mill-board.

### 28.3 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-5:25 ta' filgħaxija u laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 11 ta' Marzu 2021 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| Ivan Cefai | Lorne Cremona |
| Viċi Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |